# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Lulju tas-sena 2002.**

**Numru 15**

**Avviz numru 1046/00/SM**

**Cutrico Services Limited**

**vs**

**Mauro Pace Parascandalo u b'digriet tal-31 t'Ottubru, 2000, Zurrieq Football Club kjamat in kawza.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-23 t'Awissu tas-sena 2000 li permezz tieghu sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u erbghin liri Maltin, prezz ta' "airconditioning unit" tal-marka Airwell XLM24R minnu ordnat u**

**lilu mibjugha u kkonsenjat fiz-Zurrieq Football Club;**

2. **Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Mejju 2000 u bl-imghaxijiet legali mit-8 ta' Mejju 2000 sal-pagament effettiv kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat l-eccezzjonijiet datati t-13 t'Ottubru tas-sena 2000 li permezz taghhom il-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u l-ebda ammont ma hu dovut mill-konvenut personalment lis-socjeta' attrici stante illi huwa qatt ma kuntratta maghha fil-kapacitajiet tieghu personali izda f'isem u fl-interess taz-Zurrieq Football Club u di piu, kif jirrizulta mill-istess att ta' l-avviz, l-konsenja saret lill-istess Zurrieq Football Club tant illi huwa qatt ma ffirma li ricieva l-konsenja;**

2. **Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma hux il-legittimu kuntradittur tas-socjeta' attrici stante illi rezenja mill-kariga tieghu fi hdan Zurrieq Football Club u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;**

3. **Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Rat id-digriet taghha datat il-31 ta' Ottubru tas-sena 2000 li permezz tieghu ordnat il-kjamata in kawza ta' "Zurrieq Football Club";**

**Innotat li l-istess socjeta' sportiva riferita fil-paragrafu precedenti baqghet kontumaci;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti prezentati;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-konvenut Pace Parascandoli kien ikkomunika mas-socjeta' attrici u ordna minn ghandha "air conditioner" li kellu jigi installat specifikament ghand l-assocjazzjoni kjamata in kawza;**

2. **Illi in effetti hu kien inkarigat espressament biex jghamel dan minhabba l-fatt li kien kunsillier tal-lokalita' taz-Zurrieq u li dan l-inkarigu nghatalu specifikament mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni li ried jghin lill-istess assocjazzjoni sportiva;**

3. **Illi l-ordni tal-"air conditioner" gie ezegwit u in effetti dan gie installat ghand l-assocjazzjoni beneficjarja;**

4. **Illi l-valur ta' l-imsemmi apparat jammonta ghall-sitt mija u erbghin Lira Maltin, (LM640.00,0), liema ammont ghadu ma thallasx;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi in effetti l-essenzjalita' tal-fatti fuq deskritti kif jirrizultaw mix-xhieda prodotta jistabbilixxu s-segwenti:**

1. **Illi l-konvenut Pace Parascandolo kien gie inkarigat biex jeffettwa l-ordni ta' l-apparat in dizmaina mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni;**

2. **Illi l-imsemmi Dipartiment kien ukoll ta' struzzjonijiet specifici lill-konvenut fuq indikat li l-apparat de quo kellu jigi installat f'post specifiku;**

3. **Illi l-konvenut indikat kien biss qed jagixxi bhala mandatarju tad-Dipartiment involut;**

4. **Illi l-assocjazzjoni sportiva de quo kienet biss il-beneficjarja tal-generozita' lejha indirizzata mid-Dipartiment fuq indikat;**

5. **Illi ghalhekk hu pacifiku li l-ordni ta' l-apparat de quo hi responsabbli ghaliha biss id-Dipartiment gia' riferit;**

**Ghaldaqstant, din il-qorti tiddeciedi illi filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet tal-konvenut Pace Parascandolo tiddikjara lill-istess konvenut u lill-assocjazzjoni sportiva kjamata in kawza liberati mill-osservanza tal-gudizzju u konsegwentement tirrespingi t-talbiet attrici bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**